**Il-25 Anniversarju tal-Bank Ċentrali ta' Malta**




Il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ munita tal-fidda biex ifakkar Għeluq il-25 sena mit-twaqqif tiegħu skond il-liġi fis-17 t'April 1968. Il-munita, li għandha valur nominali ta' Lm5, tinstab għall-bejgħ fil-verżjoni *Proof.* Fuq l-irġejjen jidher Dott. Giovanni Felice, li kien il-Ministru tal-Finanzi fi żmien twaqqif il-Bank, u l-wiċċ juri l-bini l-ġdid tal-Bank fil-Kontrasur ta' San Ġakbu u l-arma tal-Bank. Din il-munita, li nħadmet mir-Royal Mint, hi d-disinn ta' l-artist u naqqax Malti s-Sur Noel Galea Bason.

| Tip | Denominazzjoni | Diametru (mm) | Użin Gross (g) | Titlu | Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda "Proof" | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 1,500 |